# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-12 ta' Ottubru 2009

## li temenda l-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija fir-rigward ta' ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib fil-Bulgarija

*(notifikata bid-dokument numru C(2009) 7637)*

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

(2009/751/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat l-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-ewwel sottoparagrafu tal-paragrafu (f) tat-Taqsima B tal-Kapitolu 4 tal-Anness VI tiegħu,

Billi:

(1) Il-Bulgarija ngħatat perjodi ta' tranżizzjoni bl-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija biex ċerti stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib jikkonformaw mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali [1].

(2) Il-Bulgarija pprovdiet garanziji li 24 stabbiliment tal-ipproċessar tal-ħalib lestew il-proċess ta' aġġornament tagħhom u issa huma konformi b'mod sħiħ mal-leġiżlazzjoni Komunitarja. 17 minn dawn l-istabbilimenti għandhom il-permess li jirċievu u jipproċessaw ħalib nej, konformi u mhux konformi, mingħajr separazzjoni. Dawn l-istabbilimenti għalhekk għandhom jiżdiedu mal-lista tal-Kapitolu I tal-Appendiċi tal-Anness VI. Stabbiliment wieħed tal-ipproċessar tal-ħalib elenkat fil-Kapitolu I se jipproċessa biss ħalib nej li hu konformi u għalhekk għandu jitqies bħala stabbiliment tal-ipproċessar tal-ħalib approvat mill-UE. Dan l-istabbiliment għalhekk għandu jitneħħa mil-lista tal-Kapitolu I tal-Appendiċi tal-Anness VI. Żewġ stabbilimenti tal-ipproċessar tal-ħalib li fil-preżent huma elenkati fil-Kapitolu II se jkunu qed jipproċessaw biss ħalib nej li hu konformi. Dawn l-istabbilimenti għaldaqstant għandhom jitħassru mil-lista tal-Kapitolu II tal-appendiċi tal-Anness VI.

(3) L-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

(4) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa tal-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija huwa emendat skont l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Ottubru 2009.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55.

*ANNESS*

L-Appendiċi tal-Anness VI tal-Att tal-Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-Kapitolu I għandhom jiżdiedu l-annotazzjonijiet li ġejjin:

| Nru | Nru Veterinarju | Isem l-istabbiliment | Belt/Triq jew Raħal/Reġjun |
|---|---|---|---|
| "48 | BG 1012020 | ET 'Petar Mitov-Universal' | s. Gorna Grashtitsa<br>obsht. Kyustendil |
| 49 | BG 1112016 | Mandra 'IPZHZ' | gr. Troyan<br>ul. 'V. Levski' 281 |
| 50 | BG 1712042 | ET 'Madar' | s. Terter |
| 51 | BG 2612042 | 'Bulmilk' OOD | s. Konush<br>obl. Haskovska |
| 52 | BG 0912011 | ET 'Alada-Mohamed Banashak' | s. Byal izvor<br>obsht. Ardino |
| 53 | 1112026 | 'ABLAMILK' EOOD | gr. Lukovit,<br>ul. 'Yordan Yovkov' 13 |
| 54 | 1312005 | 'Ravnogor' OOD | s. Ravnogor |
| 55 | 1712010 | 'Bulagrotreyd-chastna kompaniya' EOOD | s. Yuper<br>Industrialen kvartal |
| 56 | 1712013 | ET 'Deniz' | s. Ezerche |
| 57 | 2012011 | ET 'Ivan Gardev 52' | gr. Kermen<br>ul. 'Hadzhi Dimitar' 2 |
| 58 | 2012024 | ET 'Denyo Kalchev 53' | gr. Sliven<br>ul. 'Samuilovsko shose' 17 |
| 59 | 2112015 | OOD 'Rozhen Milk' | s. Davidkovo, obsht. Banite |
| 60 | 2112026 | ET 'Vladimir Karamitev' | s. Varbina<br>obsht. Madan |
| 61 | 2312007 | ET 'Agropromilk' | gr. Ihtiman,<br>ul. 'P. Slaveikov' 19 |
| 62 | 2412041 | 'Mlechen svyat 2003' OOD | s. Bratya Daskalovi<br>obsht. Bratya Daskalovi |
| 63 | 2612038 | 'Bul Milk' EOOD | gr. Haskovo<br>Sev. industr. zona |
| 64 | 2612049 | ET 'Todorovi-53' | gr. Topolovgrad<br>ul. 'Bulgaria' 65" |

(2) Fil-Kapitolu I għandha titħassar l-annotazzjoni li ġejja:

| Nru | Nru Veterinarju | Isem l-istabbiliment | Belt/Triq jew Raħal/Reġjun |
|---|---|---|---|
| "15 | BG 161 2013 | 'Polidey-2' OOD | s. Domlyan" |

(3) Fil-Kapitolu II għandhom jitħassru l-annotazzjonijiet li ġejjin:

| Nru | Nru Veterinarju | Isem l-istabbiliment | Belt/Triq jew Raħal/Reġjun |
|---|---|---|---|
| "5 | BG 1612001 | 'OMK' AD | gr. Plovdiv<br>bul. 'Dunav' 3 |
| 11 | BG 2712014 | 'Stars kampani' OOD | gr. Shumen<br>ul. 'Trakiyska' 3" |